Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/5443

19.10.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542, li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.

(C/2026/5443)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tas-Sur Sergei Vladilenovich KIRIYENKO, li jidher fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 ([1]) u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 ([2]) li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.

Il-Kunsill jipprevedi l-inklużjoni tas-Sur Sergei Vladilenovich KIRIYENKO fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 ([3]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja abbażi ta' evidenza ġdida u b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet ġdida.

Dik il-persuna hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb l-informazzjoni relatata mal-elenkar tagħha fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja **qabel is-26 ta' Ottubru 2026**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Horizontal and Global Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

([1]) ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25.
([2]) ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12.
([3]) ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj.
([4]) ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj.